IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussel 24.9.2010
KUMM(2010) 498 finali

2010/0256 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT (UE) Nru …/.. TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jistabbilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikoltura fir-reġjuni l-aktar imbiegħda tal-Unjoni

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. L-ALLINJAMENT MAT-TRATTAT DWAR IL-FUNZJONAMENT TAL-UNJONI EWROPEA (TFUE)

It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jistabbilixxi distinzjoni ċara bejn minn naħa, is-setgħat iddelegati lill-Kummissjoni sabiex tadotta atti mhux leġiżlattivi (atti ddelegati) ta' applikazzjoni ġenerali li jissupplimentaw jew jemendaw ċerti elementi mhux essenzjali tal-att leġiżlattiv, stabbiliti fl-Artikolu 290, u min-naħa l-oħra, is-setgħat mogħtija lill-Kummissjoni sabiex tadotta atti ta' implimentazzjoni stipulati fl-Artikolu 291.

Fil-każ tal-atti ddelegati, il-Leġiżlatur jiddelega lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta miżuri kważi leġiżlattivi. Fil-każ tal-atti ta' implimentazzjoni, il-kuntest huwa differenti ħafna. Fil-fatt, l-Istati Membri huma l-ewwel nett responsabbli mill-implimentazzjoni tal-atti legalment vinkolanti tal-Unjoni Ewropea. Madankollu, jekk l-applikazzjoni tal-att leġiżlattiv tkun teħtieġ kundizzjonijiet uniformi ta' implimentazzjoni, hija r-responsabbiltà tal-Kummissjoni li timplimentahom.

L-eżerċizzju ta' allinjament tar-Regolament (KE) nru 247/2006 mar-regoli l-ġodda tat-Trattat huwa bbażat fuq klassifikazzjoni ta' setgħat iddelegati u setgħat ta' implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet adottati mill-Kummissjoni fl-applikazzjoni tar-Regolament imsemmi (Regolament (KE) nru 793/2006 li jistabbilixxi regoli dettaljati dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) nru 247/2006).

Wara dan l-eżerċizzju, tħejja abbozz ta' proposta ta' riformulazzjoni tar-Regolament (KE) nru 247/2006. Dan l-abbozz jagħti s-setgħa lil-Leġiżlatur li jadotta l-elementi essenzjali ta' arranġamenti speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli tar-reġjuni l-aktar imbiegħda biex jingħelbu d-diffikultajiet maħluqa mid-distanza (imsejħa "arranġamenti POSEI"). Il-linji gwida ġenerali ta' dawn l-arranġamenti u l-prinċipji ġenerali li fuqhom huma bbażati huma ddeterminati mil-Leġiżlatur. Għaldaqstant, l-għanijiet tal-miżuri introdotti permezz ta' dawn l-arranġamenti speċifiċi u l-prinċipji ta' programmazzjoni, ta' kompatibilità u ta' konsistenza mal-politiki l-oħrajn tal-Unjoni huma definiti mil-Leġiżlatur. Barra minn hekk, il-Leġiżlatur jipprovdi l-prinċipji għall-istabbiliment ta' sistema ta' ċertifikati u tal-applikazzjoni ta' sanzjonijiet, tnaqqis u esklużjonijiet. Il-Leġiżlatur jipprevedi wkoll l-eżistenza ta' simbolu grafiku POSEI.

Skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-Leġiżlatur jagħti lill-Kummissjoni s-setgħa li tikkompleta jew temenda ċerti elementi mhux essenzjali. Att iddegelat tal-Kummissjoni jista' għalhekk jistabbilixxi l-elementi supplimentari meħtieġa għall-funzjonament tajjeb tal-arranġamenti definiti mil-Leġiżlatur. Għalhekk, il-Kummissjoni tadotta, permezz ta' att iddelegat, il-kundizzjonijiet għar-reġistrazzjoni tal-operaturi fir-reġistru taċ-ċertifikati u, jekk ikun meħtieġ fir-rigward tas-sitwazzjoni ekonomika, hija timponi l-għoti ta' garanzija għall-ħruġ taċ-ċertifikati (Artikolu 11(2)). Bl-istess mod, il-Leġiżlatur jiddelega lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta miżuri rigward l-istabbiliment tal-proċedura ta' adozzjoni tal-emendi tal-programmi (Artikolu 6(3)), il-kundizzjonijiet tal-ipproċessar (Artikolu 13(6)), il-kundizzjonijiet għad-determinazzjoni tal-ammonti tal-għajnuna (Artikoli 18(4), 23(3) u 29(4)), il-kundizzjonijiet għall-eżenzjoni mid-dazji tal-importazzjoni (Artikolu 26(2)), il-kundizzjonijiet għad-dritt li jintuża s-simbolu grafiku (Artikolu 20(3)), u s-sanzjonijiet (Artikolu 17(2)).

L-Istati Membri, skont l-Artikolu 291 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea huma responsabbli mill-implimentazzjoni tal-arranġamenti definiti mil-Leġiżlatur. Madankollu jidher meħtieġ li tiġi żgurata implimentazzjoni uniformi tal-arranġamenti POSEI fl-Istati Membri sabiex tiġi evitata d-distorsjoni tal-kompetizzjoni jew id-diskriminazzjoni bejn l-operaturi. Għalhekk, il-Leġiżlatur jagħti lill-Kummissjoni setgħat eżekuttivi, skont l-Artikolu 291(2), tat-Trattat, f'dak li jikkonċerna b'mod aktar partikolari l-kundizzjonijiet uniformi li l-prodotti koperti mill-arranġamenti speċifiċi ta' provvista jidħlu, joħorġu u jiċċirkolaw f'reġjuni l-aktar imbiegħda (Artikoli 11(3), 13(2a)), 13 (2b)), 13(3), 26(1), u 28(2)), il-kundizzjonijiet uniformi ta' implimentazzjoni tal-programmi (Artikoli 6(2), 18(3), 20(4), u 29(3)), kif ukoll qafas ġenerali ta' kontrolli li l-Istati Membri għandhom japplikaw (Artikoli 7,12(2) u 17(1)).

2. L-EMENDI SOSTANTIVI

Meta wieħed iqis li mill-adozzjoni tiegħu, fit-30 ta' Jannar 2006, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) nru 247/2006 li jistabbilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikoltura fir-reġjuni l-aktar imbiegħda tal-Unjoni, kien suġġett għal bosta bidliet, huwa propost li ssir riformulazzjoni tiegħu għal raġunijiet ta' ċarezza.

Barra minn hekk, l-iżvilupp tal-leġiżlazzjoni Komunitarja u l-implimentazzjoni prattika ta' dan ir-Regolament li seħħew mill-adozzjoni tiegħu jitolbu li jinbidlu wkoll xi whud mid-dispożizzjonijiet tiegħu u li titfassal mill-ġdid l-istruttura tat-test leġiżlattiv sabiex ikun adattat aħjar għar-realtà tal-arranġamenti agrikoli POSEI.

Dan ir-Regolament ġdid jindika b'mod aktar espliċitu l-għanijiet prinċipali tal-arranġamenti li biex dawn jinkisbu għandu jkun hemm il-kontribuzzjoni tal-miżuri speċifiċi għall-agrikoltura fir-reġjuni l-aktar imbiegħda (Artikolu 2).

L-istruttura l-ġdida tiegħu tenfasizza r-rwol ċentrali tal-Programmi ta' Soluzzjonijiet Speċifiċi biex jilqgħu għall-Bogħod u l-Insularità (programmi POSEI) li issa huma definiti għal kull reġjun imbiegħed fil-livell l-aktar xieraq u kkoordinati mill-Istati Membri rispettivi. Dawn il-programmi jiffukaw fuq iż-żewġ aspetti fundamentali tal-POSEI, jiġifieri l-arranġamenti speċifiċi ta' provvista u l-miżuri speċifiċi għall-produzzjoni lokali (Artikolu 3).

Saru bidliet oħra minuri fit-test tar-Regolament, jiġifieri:

(1) Il-proċedura għas-sottomissjoni tal-programmi u tal-emendi tagħhom lill-Kummissjoni għall-approvazzjoni ġiet iċċarata sabiex tkun aktar konsistenti mal-prattika attwali u mal-ħtieġa li jkun hemm aktar flessibbiltà u effiċjenza fl-adattament tal-programmi mal-ħtiġijiet reali tal-agrikoltura u tal-provvista ta' prodotti essenzjali tar-reġjuni l-aktar imbiegħda (Artikolu 6).

(2) Fl-Artikolu 10, ġie speċifikat li l-arranġamenti speċifiċi ta' provvista għandhom ikunu mfassla għal kull reġjun skont il-produzzjoni agrikola lokali, li l-iżvilupp tagħha m'għandux ikun limitat minn għajnuniet għall-provvisti kbar wisq għal prodotti li jiġu prodotti wkoll lokalment. Din id-dispożizzjoni hija kkunsidrata meħtieġa sabiex il-kompatibilità bejn iż-żewġ strumenti tal-POSEI tkun mandatorja.

(3) Il-possibbiltà li jintbagħtu mill-ġdid prodotti pproċessati lokalment minn prodotti bażiċi li jkunu koperti mill-arranġamenti speċifiċi ta' provvista, mingħajr rimbors tal-benefiċċju, limitata għall-prodotti mibgħuta mill-Azores lejn il-Madeira jew viċe versa

u mill-Madeira lejn il-Gżejjer Kanarji jew viċe versa, hija estiża wkoll għad-dipartimenti Franċiżi extra-Ewropej (Artikolu 13(2e)).

(4) Sabiex tkun żgurata ġestjoni baġitarja tajba, l-Istati Membri għandhom jindikaw fil-programmi tagħhom il-lista ta' għajnuniet li jikkostitwixxu ħlasijiet diretti (Artikolu 18(2d)).

(5) Huwa wkoll utli li jiġi indikat il-mod kif huwa definit l-ammont tal-għajnuna għall-miżuri favur il-produzzjonijiet agrikoli lokali, li qabel ma kienx indikat fl-att bażiku (Artikolu 18(2), (e) u (f).

(6) Fl-aħħar nett, l-allokazzjoni finanzjarja magħżula għal kull programm nazzjonali hija dik li tikkorrispondi għas-sena finanzjarja 2011 u sussegwenti. Għall-kuntrarju, il-limitu għall-finanzjament tal-arranġamenti speċifiċi ta' provvista għall-Franza u l-Portugall żdied b'20% (Artikolu 29(3)), wara l-konklużjonijiet tal-ewwel rapport dwar l-impatt tar-riforma POSEI tal-2006, ippreżentat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fl-2010.

Il-Regolament ma jemendax is-sorsi ta' finanzjament u lanqas l-intensità tal-appoġġ Komunitarju.

2010/0256 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT (UE) Nru …/.. TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

ta' …

li jistabbilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikoltura fir-reġjuni l-aktar imbiegħda tal-Unjoni

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 42(1), u l-Artikolu 43 (2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea[1],

Wara t-trażmissjoni tal-abbozz tal-att leġislattiv lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[2],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[3],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja[4],

Billi:

(1) Miżuri speċifiċi għall-agrikoltura biex jingħelbu d-diffikultajiet ikkawżati mis-sitwazzjoni eċċezzjonali tar-reġjuni l-aktar imbiegħda tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 349 tat-Trattat ġew stabbiliti permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) nru 247/2006 tat-30 ta' Jannar 2006 li jistabbilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikoltura fir-reġjuni l-aktar imbiegħda tal-Unjoni[5]. Dawn il-miżuri huma kkumplimentati permezz ta' programmi ta' appoġġ għal kull reġjun, li jirrappreżentaw għodda essenzjali għall-provvista ta' dawn ir-reġjuni fi prodotti agrikoli. Minħabba emendi ġodda li huma meħtieġa u wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Liżbona, jeħtieġ li r-Regolament (KE) nru 247/2006 jitħassar u jiġi sostitwit minn test ġdid.

(2) Jeħtieġ li jiġu speċifikati l-għanijiet fundamentali li l-kisba tagħhom tista' sseħħ bil-kontribuzzjoni tal-arranġamenti għar-reġjuni l-aktar imbiegħda tal-Unjoni.

(3) Jeħtieġ li jiġi speċifikat il-kontenut tal-Programmi ta' Soluzzjonijiet Speċifiċi biex jilqgħu għall-Bogħod u l-Insularità (minn hawn 'il quddiem "il-programmi POSEI") li,

---

1 ĠU C, p. .
2 ĠU C, p. .
3 ĠU C, p. .
4 ĠU C, p. .
5 ĠU L 42, 14.2.2006, p. 1.

skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà, għandhom ikunu stabbiliti mill-Istati Membri kkonċernati fil-livell ġeografiku l-aktar xieraq u ppreżentati lill-Kummissjoni għall-approvazzjoni.

(4) Sabiex jinkisbu aħjar l-għanijiet tal-arranġamenti favur ir-reġjuni l-aktar imbiegħda tal-Unjoni, il-programmi POSEI għandhom jinkludu miżuri li jiggarantixxu l-provvista ta' prodotti agrikoli u l-preservazzjoni u l-iżvilupp tal-produzzjonijiet agrikoli lokali. Jeħtieġ li jiġi approssimat il-livell tal-programmazzjoni tar-reġjuni kkonċernati u li jkun hemm approċċ sistematiku tal-isħubija bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri.

(5) Skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà u fi spirtu ta' flessibbiltà li huma l-bażi tal-approċċ tal-programmazzjoni adottata għall-arranġamenti favur ir-reġjuni l-aktar imbiegħda, l-awtoritajiet magħżula mill-Istat Membru jistgħu jipproponu emendi fil-programm sabiex jadattawh għar-realtà tar-reġjuni imbiegħda. Fl-istess spirtu, il-proċedura ta' emenda tal-programmi għandha tkun adattata għal-livell ta' rilevanza ta' kull tip ta' emenda.

(6) Biex tiġi ggarantita l-provvista ta' prodotti agrikoli essenzjali lir-reġjuni l-aktar imbiegħda u bħala kumpens għall-ispejjeż addizzjonali kkawżati min-natura remota ta' dawn ir-reġjuni, huwa xieraq li jiġu stabbiliti arranġamenti speċifiċi ta' provvista. Fil-fatt, is-sitwazzjoni ġeografika eċċezzjonali tar-reġjuni l-aktar imbiegħda, meta mqabbla mas-sorsi ta' provvista ta' prodotti essenzjali għall-konsum mill-bniedem jew għall-ipproċessar jew bħala addizzjonijiet agrikoli, timponi spejjeż ta' trasport addizzjonali f'dawn ir-reġjuni. Barra minn hekk, fatturi oġġettivi oħrajn marbuta mad-distanza remota tagħhom, b'mod partikolari l-insularità u n-nuqqas ta' uċuħ agrikoli, jimponu aktar restrizzjonijiet għall-kumpaniji u l-produtturi tar-reġjuni l-aktar imbiegħda li jolqtu l-attivitajiet tagħhom b'mod ferm negattiv. Dawn in-nuqqasijiet jistgħu jkunu rranġati billi jitbaxxa l-prezz ta' dawn il-prodotti essenzjali.

(7) Għaldaqstant, minkejja l-Artikolu 28 tat-Trattat, importazzjonijiet ta' ċerti prodotti agrikoli minn pajjiżi terzi għandhom ikunu eżentati mid-dazji applikabbli. Sabiex jiġu kkunsidrati l-oriġini u t-trattament doganali tagħhom kif miftiehma skont id-dispożizzjonijiet tal-liġi tal-Unjoni, prodotti li jkunu daħlu fit-territorju doganali tal-Unjoni skont arranġamenti ta' proċessar intern jew ta' ħażniet doganali għandhom ikunu meqjusa bħala proċessar attiv, bl-għan li jingħataw il-benefiċċji għall-arranġamenti speċifiċi ta' provvista.

(8) Sabiex jintlaħaq l-għan li jitbaxxew il-prezzijiet fir-reġjuni l-aktar imbiegħda u jitnaqqsu l-ispejjeż żejda tad-distanza, filwaqt li tinżamm il-kompetittività tal-prodotti tal-Unjoni, għandha tingħata għajnuna għall-provvista ta' prodotti tal-Unjoni lir-reġjuni l-aktar imbiegħda. Tali għajnuna għandha tikkunsidra l-ispiża addizzjonali tat-trasport lejn ir-reġjuni l-aktar imbiegħda u l-prezzijiet applikati għall-esportazzjonijiet lejn pajjiżi terzi, u fil-każ ta' addizzjonijiet agrikoli u prodotti maħsuba għall-ipproċessar, l-ispejjeż addizzjonali minħabba l-insularità u n-nuqqas ta' uċuħ.

(9) Biex ikunu evitati l-ispekulazzjonijiet li jkunu ta' ħsara għall-utenti finali fir-reġjuni l-aktar imbiegħda, jeħtieġ ikun speċifikat li l-prodotti ta' kwalità tajba, ġusta u kummerċjabbli biss jistgħu jgawdu mill-arranġamenti speċifiċi ta' provvista.

(10) Jeħtieġ li jiġu introdotti regoli għall-funzjonament tal-arranġamenti, l-aktar f'dak li jirrigwarda l-ħolqien ta' reġistru tal-operaturi u ta' sistema ta' ċertifikati mfassla fuq iċ-ċertifikati msemmija fl-Artikoli 130 u 161 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur agrikolu u dispożizzjonijiet speċifiċi f'dak li jirrigwarda ċerti prodotti tas-settur (Regolament Waħdieni dwar l-OKS)[6].

(11) Il-ħtiġijiet ta' monitoraġġ tal-operazzjonijiet li jibbenefikaw mill-arranġamenti speċifiċi ta' provvista jimponu kontrolli amministrattivi fuq il-prodotti kkonċernati meta dawn jiġu importati jew introdotti fir-reġjuni l-aktar imbiegħda kif ukoll meta dawn jiġu esportati jew jintbagħtu minnhom. Barra minn hekk, sabiex jintlaħqu l-miri tal-arranġamenti speċifiċi ta' provvista, il-vantaġġi ekonomiċi tal-arranġamenti għandhom ikunu jaqblu mal-kostijiet ta' produzzjoni u għandhom ibaxxu l-prezzijiet sa ma jintlaħaq l-utent aħħari. Għalhekk huma għandhom jingħataw biss bil-kundizzjoni li fil-fatt jibqgħu għaddejjin minn stadju għall-ieħor, u għandhom isiru l-kontrolli adegwati.

(12) Peress li l-kwantitajiet koperti mill-arranġamenti speċifiċi ta' provvista huma limitati għall-bżonnijiet ta' provvista fir-reġjuni l-aktar imbiegħda, dawk l-arranġamenti ma jfixklux il-funzjonament tajjeb tas-suq intern. Il-vantaġġi ekonomiċi tal-arranġamenti speċifiċi ta' provvista lanqas m'għandhom joħolqu devjazzjonijiet tal-kummerċ fil-prodotti kkonċernati. Għaldaqstant l-ispedizzjoni jew l-esportazzjoni ta' dawk il-prodotti mir-reġjuni l-aktar imbiegħda għandhom ikunu pprojbiti. Madankollu, spedizzjoni jew esportazzjoni ta' dawk il-prodotti għandhom ikunu awtorizzati meta l-vantaġġ finanzjarju li jirriżulta mill-arranġamenti speċifiċi ta' provvista jkun rimborsat.

(13) Fil-każ tal-prodotti pproċessati, għandu jkun awtorizzat l-iskambju bejn ir-reġjuni l-aktar imbiegħda biex ikun possibbli l-kummerċ bejniethom. Għandhom jiġu kkunsidrati wkoll il-flussi kummerċjali fi ħdan il-kummerċ reġjonali u l-esportazzjonijiet u l-ispedizzjonijiet tradizzjonali mal-bqija tal-Unjoni jew il-pajjiżi terzi fir-reġjuni l-aktar imbiegħda u l-esportazzjonijiet ta' prodotti pproċessati li jikkorrispondu mal-flussi ta' skambji tradizzjonali. Għal raġunijiet ta' ċarezza, il-perjodu ta' referenza biex jiġu definiti dawk il-kwantitajiet esportati jew mibgħuta għandu jkun speċifikat.

(14) Madankollu, għandhom jittieħdu miżuri xierqa biex jiġi permess ir-ristrutturar meħtieġ tas-settur tal-ipproċessar taz-zokkor fl-Azores. Dawn il-miżuri għandhom jikkunsidraw li sabiex is-settur taz-zokkor fl-Azores ikun vijabbli jeħtieġ li jiġi żgurat ċertu livell ta' produzzjoni u pproċessar. F'dan il-kuntest, jeħtieġ, li, bħala eċċezzjoni, l-Azores għandhom jitħallew jibagħtu lejn il-bqija tal-Unjoni kwantitajiet ta' zokkor akbar mill-flussi tradizzjonali, u dan għal perjodu limitat ta' ħames snin u fi kwantitajiet massimi annwali mnaqqsa progressivament. Minħabba li l-kwantitajiet li jistgħu jintbagħtu mill-ġdid se jkun proporzjonali u llimitati għal dak li huwa meħtieġ biss sabiex tiġi żgurata l-vijabbiltà tal-produzzjoni u l-ipproċessar lokali taz-zokkor, din l-ispedizzjoni temporanja ta' zokkor mill-Azores ma taffetwax b'mod negattiv is-suq intern tal-Unjoni.

---

[6] ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

(15) Fil-każ taz-zokkor li jaqbeż il-kwota għall-forniment tal-Azores, il-Madeira u l-Gżejjer Kanarji, għandhom jibqgħu japplikaw l-arranġamenti għall-eżenzjoni mid-dazji fuq l-importazzjoni. Jeħtieġ ukoll li l-Azores jitħallew jibbenefikaw mill-eżenzjoni tad-dazji fuq l-importazzjoni għaz-zokkor tal-kannamieli mhux maħdum, fil-limitu tal-bilanċ previst tiegħu ta' provvista.

(16) S'issa l-Gżejjer Kanarji kienu fornuti, s'issa skont l-arranġamenti speċifiċi ta' provvista, bi trab tal-ħalib xkumat li fih xaħmijiet veġetali tal-kodiċi NM 1901 90 99 maħsuba għall-ipproċessar industrijali. Il-provvista ta' dan il-prodott għandha titkompla minħabba li sar element tradizzjonali tad-dieta lokali.

(17) Peress li r-ross huwa element bażiku tad-dieta fir-Réunion, li ma tipproduċix biżżejjed minnu sabiex tkopri l-ħtiġijiet lokali, jeħtieġ li r-Réunion tibqa' tkun eżentata minn kwalunkwe dazju ta' importazzjoni għal dan il-prodott.

(18) Il-politika tal-Unjoni biex tgħin il-produzzjoni lokali fir-reġjuni l-aktar imbiegħda inkludiet diversi prodotti u miżuri favur il-produzzjoni, it-tqegħid fis-suq u l-ipproċessar tagħhom. Dawn il-miżuri urew li huma effettivi u żguraw il-kontinwità tal-agrikoltura u l-iżvilupp tagħha. L-Unjoni għandha tkompli tappoġġa dawn il-linji ta' produzzjoni, li huma fattur ewlieni fil-bilanċ ambjentali, soċjali u ekonomiku tar-reġjuni l-aktar imbiegħda. L-esperjenza uriet li, bħal fil-każ tal-politika dwar l-iżvilupp rurali, sħubija aktar mill-qrib mal-awtoritajiet lokali tista' tgħin biex jiġu indirizzati b'mod aktar dirett kwistjonijiet partikolari li jolqtu lir-reġjuni kkonċernati. Għalhekk għandu jitkompla l-appoġġ għall-produzzjoni lokali permezz tal-programmi POSEI.

(19) Biex jingħata appoġġ lit-tqegħid fis-suq tal-prodotti tar-reġjuni mbiegħda, jeħtieġ li tiġi stabbilita għajnuna maħsuba għat-tqegħid fis-suq ta' dawn il-prodotti barra r-reġjun ta' produzzjoni.

(20) Jeħtieġ li jiġu ddeterminati l-elementi minimi li għandhom jingħataw fil-programmi POSEI sabiex ikunu definiti l-miżuri favur il-produzzjonijiet agrikoli lokali, b'mod partikolari d-deskrizzjoni tas-sitwazzjoni, tal-istrateġija proposta, tal-għanijiet u tal-miżuri. Jeħtieġ ukoll li jiġu spjegati l-prinċipji ta' konsistenza ta' dawn il-miżuri mal-politiki l-oħrajn tal-Unjoni biex jiġi evitat kwalunkwe nuqqas ta' kompatibilità u l-koinċidenza tal-għajnuniet.

(21) Għall-finijiet tal-implimentazzjoni tiegħu, il-programm POSEI jista' jkun fih ukoll miżuri għall-finanzjament tal-istudji, tal-proġetti dimostrattivi, tat-taħriġ u tal-assistenza teknika.

(22) Il-bdiewa fir-reġjuni l-aktar imbiegħda għandhom ikunu mħajra biex jipprovdu prodotti ta' kwalità u għandha tingħata għajnuna għat-tqegħid ta' dawn il-prodotti fis-suq. Għal dak il-għan, l-użu tas-simbolu grafiku introdott mill-Unjoni jista' jkun ta' għajnuna.

(23) L-istrutturi ta' xi rziezet jew kumpaniji ta' pproċessar u tat-tqegħid fis-suq fir-reġjuni l-aktar imbiegħda għandhom nuqqasijiet serji u jħabbtu wiċċhom ma' diffikultajiet speċifiċi. L-Artikoli 26 (2), u 28 (2), tar-Regolament tal-Kunsill (KE) nru 1698/2005 tal-20 ta' Settembru 2005 dwar l-appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu

Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR)[7] jipprovdu, għaldaqstant, rati ta' appoġġ aktar favorevoli għal ċerti tipi ta' investimenti fir-reġjuni l-aktar imbiegħda.

(24) L-Artikolu 27(1) tar-Regolament (KE) nru 1698/2005 jeskludi r-reġjuni l-aktar imbiegħda mir-restrizzjoni tal-għoti ta' appoġġ forestali previst fl-Artikolu 20(b)(ii), ta' dan ir-Regolament.

(25) L-Artikolu 39 (4), u l-Anness I tar-Regolament (KE) nru 1698/2005 jiddeterminaw l-ammonti massimi annwali eliġibbli għall-ħlasijiet agroambjentali. Biex tiġi kkunsidrata s-sitwazzjoni ambjentali speċifika ta' ċerti mergħat sensittivi ħafna fl-Azores u l-preżervazzjoni tal-pajżaġġ u l-karatteristiċi tradizzjonali tal-art agrikola, b'mod partikolari ż-żoni ta' kultivazzjoni mtarrġa fil-Madeira, għandu jsir possibbli, f'każ ta' ċerti miżuri speċifiċi, li dawk l-ammonti jiżdiedu sakemm jirduppjaw.

(26) Tista' tingħata deroga mill-politika kostanti tal-Kummissjoni li ma tawtorizzax l-għajnuna operattiva mill-Istat fis-settur tal-produzzjoni, l-ipproċessar u t-tqegħid fis-suq ta' prodotti agrikoli koperti mill-Anness I tat-Trattat sabiex jittaffew ir-restrizzjonijiet partikolari tal-biedja fir-reġjuni l-aktar imbiegħda marbuta mad-distanza, l-insularità u l-pożizzjoni remota tagħhom, iċ-ċokon, l-art muntanjuża u l-klima u d-dipendenza ekonomika fuq numru żgħir ta' prodotti.

(27) Is-sitwazzjoni fitosanitarja ta' prodotti agrikoli fir-reġjuni l-aktar imbiegħda hija soġġetta għal problemi partikolari assoċjati mal-klima u l-inadegwatezza tal-miżuri ta' kontroll li s'issa ġew applikati f'dawn ir-reġjuni. Jeħtieġ għalhekk li jiġu implimentati programmi għall-ġlieda kontra l-organiżmi li jagħmlu l-ħsara, inkluż permezz ta' metodi bijoloġiċi u li tiġi definita l-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għat-twettiq ta' dawn il-programmi.

(28) Il-manutenzjoni tal-għelieqi tad-dwieli, li huma l-aktar kultivazzjoni mxerrda fir-reġjuni tal-Madeira u l-Gżejjer Kanarji u waħda importanti ħafna għall-Azores, hi imperattiv ekonomiku u ambjentali. Bħala għajnuna għall-produzzjoni, f'dawn ir-reġjuni m'għandhomx jiġu applikati la l-inċentivi għall-abbandun u lanqas mekkaniżmi tas-suq, previsti mir-Regolament (KE) nru 1234/2007, għajr għad-distillazzjoni f'każ ta' kriżi fil-każ tal-Gżejjer Kanarji, li għandha tkun tista' tiġi applikata f'każ ta' tfixkil mhux tas-soltu fis-suq minħabba problemi ta' kwalità. Bl-istess mod, diffikultajiet tekniċi u soċjoekonomiċi fixklu l-konverżjoni sħiħa, fil-limiti taż-żmien stipulati, tal-uċuħ tad-dwieli li kienu tħawlu fir-reġjuni tal-Madeira u tal-Azores b'varjetajiet ta' dwieli ibridi pprojbiti mir-Regolament (KE) nru 1234/2007. L-inbid prodott minn dawn l-għelieqi tad-dwieli hu maħsub biss għall-konsum lokali tradizzjonali.

(29) Ir-ristrutturar tas-settur tal-ħalib għadu mhux komplut fl-Azores. Biex tiġi kkunsidrata d-dipendenza qawwija tal-Azores fuq il-produzzjoni tal-ħalib, flimkien ma' nuqqasijiet oħra marbuta mad-distanza u n-nuqqas ta' linji ta' produzzjoni alternattivi li jħallu qligħ, jeħtieġ li jinżammu d-derogi minn xi dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) nru 1234/2007 dwar it-tnaqqis fuq il-ħalib u l-prodotti tal-ħalib żejda.

(30) L-appoġġ għall-produzzjoni tal-ħalib tal-baqar fil-Madeira u fir-Réunion ma kienx biżżejjed biex iżomm bilanċ bejn il-provvista domestika u dik esterna, primarjament

[7] ĠU L 277, 21.10.2005, p. 1.

minħabba diffikultajiet strutturali serji li jolqtu s-settur u l-kapaċità fqira tiegħu li jadatta għal ambjenti ekonomiċi ġodda. Għaldaqstant, l-awtorizzazzjoni għall-produzzjoni ta' ħalib UHT magħmul minn trab tal-ħalib li joriġina mill-Unjoni għandha tkompli, bl-għan li tkun żgurata kopertura akbar tal-konsum lokali. Sabiex il-konsumatur ikun infurmat b'mod xieraq, għandu jkun obbligatorju li wieħed jindika l-mod kif inkiseb it-trab tal-ħalib UHT fuq it-tikketta tal-bejgħ.

(31) Il-ħtieġa li tinżamm produzzjoni lokali permezz tal-inċentivi tiġġustifika l-fatt li r-Regolament (KE) Nru 1234/2007 mhux qiegħed ikun applikat fid-dipartimenti extra-Ewropej (DOM) Franċiżi u fil-Madeira. Għall-Madeira din l-eżenzjoni għandha tkun stabbilita sal-limitu ta' 4,000 tunnellata.

(32) Attivitajiet tradizzjonali ta' trobbija tal-bhejjem għandhom ikunu appoġġati. Sabiex jintlaħqu l-ħtiġijiet ta' konsum lokali fid-dipartimenti extra-Ewropej Franċiżi u fil-Madeira, l-importazzjonijiet mingħajr dazji minn pajjiżi terzi ta' frat irġiel intenzjonati għas-simna għandhom ikunu awtorizzati taħt ċerti kundizzjonijiet u sa limitu massimu annwali.

(33) Il-possibbiltà miftuħa għall-Portugall skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) nru 73/2009 tad-19 ta' Jannar 2009 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi ta' appoġġ dirett fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa[8] biex tippermetti li jiġu ttrasferiti drittijiet għas-sussidju għall-baqar li jreddgħu mill-kontinent għall-Azores għandha tkun imġedda u dan l-istrument għandu jkun adattat b'konformità mal-arranġamenti ta' appoġġ għar-reġjuni l-aktar imbiegħda.

(34) Il-kultivazzjoni tat-tabakk hija ta' importanza storika għall-arċipelagu tal-Kanarji. F'termini ekonomiċi, din hija industrija ta' proċessar li tkompli tirrappreżenta waħda mill-attivitajiet industrijali ewlenin fir-reġjun. F'termini soċjali, il-kultivazzjoni tat-tabakk tinvolvi ħafna ħaddiema u ssir minn agrikolturi żgħar. Madankollu, peress li din l-attività ma tħallix biżżejjed qligħ, hija tinsab fil-periklu li tispiċċa. Fil-fatt, bħalissa t-tabakk hu kkultivat biss f'żona żgħira fuq il-gżira ta' La Palma, għall-manifattura tas-sigarri fuq skala żgħira. Għaldaqstant Spanja għandha tkun awtorizzata tkompli tagħti l-għajnuna flimkien mal-għajnuna tal-Unjoni sabiex din il-ħaxixa tradizzjonali tista' tibqa' tinżamm bil-għan li tiġi appoġġata l-attività artiġjanali marbuta magħha. Barra minn hekk, biex tinżamm il-manifattura ta' prodotti tat-tabakk, importazzjonijiet fil-Gżejjer Kanarji ta' tabakk mhux maħdum u tabakk semimanifatturat għandhom jibqgħu jkunu eżenti mid-dazji, sa limitu massimu annwali ta' 20,000 tunnellata ta' ekwivalenti ta' tabakk mhux maħdum imqaxxar.

(35) L-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament m'għandhiex tipperikola l-livell ta' appoġġ speċifiku li s'issa bbenefikaw minnu r-reġjuni l-aktar imbiegħda. Għal din ir-raġuni, sabiex ikunu jistgħu jwettqu l-miżuri adegwati, l-Istati Membri għandu jkollhom għad-dispożizzjoni tagħhom ammonti ekwivalenti għall-appoġġ diġà mogħti mill-Unjoni skont ir-Regolament (KE) nru 247/2006.

(36) Mill-2006, il-ħtiġijiet fi prodotti essenzjali żdiedu f'ċerti reġjuni l-aktar imbiegħda, b'mod partikolari fl-Azores u fid-DOM, minħabba l-iżvilupp tal-bhejjem u tal-

[8] ĠU L 30, 31.1.2009, p. 16.

pressjoni demografika. Jeħtieġ għalhekk li tiżdied il-parti tal-baġit li l-Istati Membri jistgħu jużaw għall-arranġamenti speċifiċi ta' provvista tar-reġjuni kkonċernati.

(37) Il-Kummissjoni għandha tkun tista' tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 290 tat-Trattat, sabiex tikkompleta jew temenda ċerti elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament. Jeħtieġ li jiġu llimitati l-oqsma li fihom tista' tiġi eżerċitata din is-setgħa kif ukoll il-kundizzjonijiet li għandha tkun soġġetta għalihom id-delegazzjoni.

(38) Biex tkun żgurata implimentazzjoni uniformi tal-arranġamenti POSEI fl-Istati Membri u biex tkun evitata d-distorsjoni fil-kompetizzjoni jew diskriminazzjoni bejn l-operaturi, il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu 291(2) tat-Trattat. Jeħtieġ, għalhekk, li l-Kummissjoni tingħata setgħat eżekuttivi taħt din id-dispożizzjoni li jirrigwardaw b'mod partikolari l-kundizzjonijiet uniformi li l-prodotti soġġetti għall-arranġamenti speċifiċi ta' provvista jidħlu, joħorġu u jiċċirkolaw fir-reġjuni l-aktar imbiegħda, il-kundizzjonijiet uniformi tal-implimentazzjoni tal-programmi, kif ukoll il-karatteristiċi minimi tal-kontrolli li l-Istati Membri għandhom japplikaw.

(39) [Inċiż rigward il-kontroll tal-miżuri ta' implimentazzjoni. Dawn għandhom jiġu kkompletati wara l-adozzjoni tar-regolament dwar il-modalitajiet ta' kontroll, kif imsemmi fl-Artikolu 291(2) tat-TFUE, li attwalment qed jiġu diskussi mill-PE u mill-Kunsill],

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I

AMBITU

Artikolu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi miżuri speċifiċi dwar l-agrikoltura biex jiġu rimedjati diffikultajiet maħluqa mill-pożizzjoni remota, b'mod partikolari d-distanza, l-insularità, iċ-ċokon, l-art muntanjuża, il-klima diffiċli u d-dipendenza ekonomika fuq numru limitat ta' prodotti tar-reġjuni tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 349 tat-Trattat, minn hawn 'il quddiem "ir-reġjuni l-aktar imbiegħda".

Artikolu 2

Għanijiet

1. Il-miżuri speċifiċi msemmija fl-Artikolu 1 għandhom jikkontribwixxu għall-kisba ta' dawn l-għanijiet:

a) il-garanzija tal-provvista ta' prodotti essenzjali lir-reġjuni l-aktar imbiegħda għall-konsum mill-bniedem jew għall-ipproċessar bħala addizzjonijiet agrikoli filwaqt li jittaffew l-ispejjeż żejda tad-distanza;

b) il-preżervazzjoni u l-iżvilupp tal-attività agrikola fir-reġjuni l-aktar imbiegħda, inklużi l-produzzjoni, l-ipproċessar u t-tqegħid fis-suq tal-prodotti lokali.

2. L-għanijiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom ikunu implimentati permezz tal-miżuri indikati fil-Kapitoli III, IV u V.

KAPITOLU II

PROGRAMMI POSEI

Artikolu 3

L-istabbiliment tal-programmi POSEI

1. Il-miżuri msemmija fl-Artikolu 1 għandhom ikunu definiti għal kull reġjun imbiegħed permezz ta' Programmi ta' Soluzzjonijiet Speċifiċi biex jilqgħu għall-Bogħod u l-Insularità (POSEI), minn hawn 'il quddiem "il-programm POSEI", li jinkludi:

a) arranġamenti speċifiċi ta' provvista, kif previst fil-Kapitolu III, u

b) miżuri speċifiċi favur il-produzzjonijiet agrikoli lokali, kif previsti fil-Kapitolu IV.

2. Il-programm POSEI għandu jkun stabbilit fil-livell ġeografiku meqjus l-aktar xieraq mill-Istat Membru kkonċernat. Dan għandu jitfassal mill-awtoritajiet kompetenti maħtura mill-Istat Membru li, wara li jikkonsulta mal-awtoritajiet u l-organizzazzjonijiet kompetenti fuq il-livell territorjali adegwat, għandu jressqu quddiem il-Kummissjoni għall-approvazzjoni skont l-Artikolu 6.

3. Programm POSEI wieħed biss għandu jitressaq minn Stat Membru għar-reġjuni l-aktar imbiegħda tiegħu.

Artikolu 4

Kombatibilità u konsistenza

1. Il-miżuri meħuda taħt il-programmi POSEI għandhom ikunu konformi mal-liġi tal-Unjoni, u jkunu konsistenti ma' politika oħra tal-Unjoni u mal-miżuri meħuda skont din il-politika.

2. Għandha tkun żgurata l-konsistenza tal-miżuri meħuda skont il-programmi POSEI mal-miżuri implimentati skont strumenti oħra tal-politika agrikola komuni, u b'mod

partikolari fl-organizzazzjonijiet komuni tas-swieq, l-iżvilupp rurali, il-kwalità tal-prodott, il-ħarsien tal-annimali u l-ħarsien tal-ambjent.

B'mod partikolari, l-ebda miżura skont dan ir-Regolament m'għandha tkun iffinanzjata bħala:

a) appoġġ addizzjonali għal sussidju jew skemi ta' għajnuna taħt organizzazzjoni komuni tas-suq ħlief f'każi eċċezzjonali ġġustifikati minn kriterji oġġettivi;

b) appoġġ għal proġetti ta' riċerka, miżuri ta' appoġġ għal proġetti ta' riċerka u miżuri eliġibbli għall-finanzjament tal-Unjoni skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/470/KE[9];

c) appoġġ għall-miżuri skont ir-Regolament (KE) Nru 1698/2005.

Artikolu 5

Kontenut tal-programmi

Programm POSEI għandu jinkludi:

a) skeda għall-implimentazzjoni tal-miżuri u tabella finanzjarja ġenerali annwali indikattiva li turi r-riżorsi li għandhom jintużaw;

b) prova tal-kompatibilità u l-konsistenza bejn il-miżuri differenti skont il-programmi u l-kriterji u l-indikaturi kwantitattivi li għandhom jintużaw għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni;

c) il-passi meħuda biex jiġi żgurat li l-programmi huma implimentati b'mod effettiv u adegwat, inklużi l-arranġamenti għall-pubbliċità, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni, u sett speċifiku ta' indikaturi kwantifikati għall-użu fl-evalwazzjoni;

d) il-ħatra ta' awtoritajiet kompetenti u korpi responsabbli mill-implimentazzjoni tal-programm u l-ħatra ta' awtoritajiet jew ta' korpi assoċjati u msieħba soċjoekonomiċi fil-livelli adegwati, u r-riżultati tal-konsultazzjonijiet li jkunu saru.

Artikolu 6

Approvazzjoni u emendi tal-programmi

1. L-Istati Membri għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni abbozz tal-programm POSEI fil-qafas tal-allokazzjoni finanzjarja msemmija fl-Artikolu 29 (2) u (3).

L-abbozz ta' programm jinkludi abbozz ta' previżjoni tal-bilanċ tal-provvista li jindika l-prodotti, il-kwantitajiet tagħhom u l-ammont ta' għajnuna għall-provvista mill-Unjoni, flimkien ma' abbozz tal-programm ta' appoġġ għall-produzzjoni lokali.

[9] ĠU L 155, 18.6.2009, p. 30.

Il-Kummissjoni għandha tevalwa l-programm POSEI propost u tiddeċiedi dwar l-approvazzjoni tiegħu permezz ta' att eżekuttiv.

2. Skont l-evalwazzjoni annwali tal-eżekuzzjoni tal-miżuri inklużi fil-programmi POSEI, l-Istati Membri jistgħu jissottomettu lill-Kummissjoni proposti għall-emenda tagħhom fil-qafas tal-allokazzjoni finanzjarja msemmija fl-Artikolu 29(2) u (3), sabiex jadattawhom aħjar għall-ħtiġijiet tar-reġjuni l-aktar imbiegħda u għall-istrateġija proposta. Il-Kummissjoni tadotta permezz ta' att eżekuttiv il-proċeduri uniformi għall-preżentazzjoni tal-proposti ta' emenda tal-programm.

3. Sabiex jiġu kkunsidrati t-tipi differenti ta' emendi proposti kif ukoll l-iskadenza li fiha għandhom jiġu applikati, il-Kummissjoni għandha tiddetermina permezz ta' att iddelegat il-proċedura ta' approvazzjoni tal-emendi.

Artikolu 7

Kontrolli u sorveljanza

L-Istati Membri għandhom jagħmlu l-kontrolli permezz ta' kontrolli amministrattivi u kontrolli fuq il-post. Sabiex tiġi żgurata applikazzjoni uniformi, il-Kummissjoni għandha tadotta permezz ta' att eżekuttiv il-karatteristiċi minimi ta' kontroll li għandhom japplikaw l-Istati Membri.

Permezz tal-istess tip ta' att, il-Kummissjoni għandha tadotta wkoll il-proċeduri u l-indikaturi fiżiċi u finanzjarji sabiex tassigura sorveljanza effikaċi tal-implimentazzjoni tal-programmi.

KAPITOLU III

ARRANĠAMENTI SPEĊIFIĊI TA' PROVVISTA

Artikolu 8

Previżjoni tal-bilanċ tal-provvista

1. Qed jiġu stabbiliti arranġamenti speċifiċi ta' provvista għall-prodotti agrikoli mniżżla fl-Anness I tat-Trattat, li huma essenzjali, fir-reġjuni l-aktar imbiegħda, għall-konsum tal-bniedem, għall-manifattura ta' prodotti oħra jew bħala addizzjonijiet agrikoli.

2. L-Istat Membru kkonċernat għandu jistabbilixxi, fil-livell ġeografiku li hu jqis l-aktar adegwat, il-previżjoni tal-bilanċ tal-provvista b'dikjarazzjoni tal-ammont ta' ħtiġijiet annwali ta' kull reġjun imbiegħed ta' provvista tal-prodotti li jidhru fl-Anness I tat-Trattat.

Il-Previżjoni tal-bilanċ tal-provvista separata tista' titħejja għall-ħtiġijiet tal-kumpaniji tal-ippakkjar u tal-ipproċessar ta' prodotti maħsuba għas-suq lokali, għat-tqassim tradizzjonali fil-bqija tal-Unjoni jew għal esportazzjoni lejn pajjiżi terzi

bħala parti mill-kummerċ reġjonali fis-sens tal-Artikolu 13 (3), jew bħala parti minn kummerċ tradizzjonali.

Artikolu 9

Funzjonament tal-arranġamenti

1. Fil-limitu tal-kwantitajiet determinati fil-previżjoni tal-bilanċ tal-provvista, m'għandhomx japplikaw dazji għal importazzjonijiet diretti minn pajjiżi terzi fir-reġjuni l-aktar imbiegħda għall-prodotti koperti mill-arranġamenti speċifiċi ta' provvista.

   Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, prodotti li jkunu daħlu fit-territorju doganali tal-Unjoni taħt arranġamenti ta' pproċessar intern jew ta' ħażna tad-dwana għandhom ikunu meqjusa bħala importazzjonijiet diretti minn pajjiżi terzi.

2. Biex jiġi żgurat li jkunu sodisfatti l-ħtiġijiet stabbiliti b'konformità mal-Artikolu 8(2), f'termini ta' prezz u kwalità, filwaqt li fl-istess ħin jinżamm is-sehem tal-Unjoni fil-provvisti, għandha tingħata għajnuna għall-provvista fir-reġjuni l-aktar imbiegħda tal-Unjoni ta' prodotti miżmuma f'imħażen pubbliċi jew disponibbli fis-suq tal-Unjoni.

   L-ammont ta' din l-għajnuna għandu jkun iddeterminat għal kull tip ta' prodott ikkonċernat billi tkun ikkunsidrata l-ispiża addizzjonali tat-trasport lejn ir-reġjuni l-aktar imbiegħda u l-prezzijiet applikati għall-esportazzjonijiet lejn terzi pajjiżi, u fil-każ ta' prodotti maħsuba għall-ipproċessar jew ta' addizzjonijiet agrikoli, l-ispejjeż addizzjonali minħabba d-distanza, b'mod partikolari l-insularità u n-nuqqas ta' uċuħ.

3. M'għandha tingħata l-ebda għajnuna għall-provvista ta' prodotti li jkunu diġà bbenefikaw mill-arranġamenti speċifiċi ta' provvista f'reġjun imbiegħed ieħor.

4. Il-prodotti ta' kwalità tajba, ġusta u kummerċjabbli biss għandhom jibbenefikaw mill-arranġamenti speċifiċi ta' provvista.

Artikolu 10

Implimentazzjoni

L-arranġamenti speċifiċi ta' provvista għandhom ikunu implimentati b'mod li jikkunsidraw dan li ġej:

a) il-ħtiġijiet speċifiċi tar-reġjuni l-aktar imbiegħda u, fil-każ ta' prodotti maħsuba għall-ipproċessar u addizzjonijiet agrikoli, il-kundizzjonijiet ta' kwalità meħtieġa;

b) flussi ta' kummerċ mal-bqija tal-Unjoni;

c) l-aspett ekonomiku tal-għajnuna proposta;

d) jekk ikun il-każ, il-ħtieġa li ma jkunx hemm tfixkil tal-possibbiltajiet ta' żvilupp tal-prodotti lokali.

Artikolu 11

Ċertifikati

1. L-eżenzjoni mid-dazju fuq l-importazzjoni jew il-benefiċċju tal-għajnuna fil-qafas tal-arranġamenti speċifiċi ta' provvista tingħata jekk ikun ippreżentat ċertifikat.

   Iċ-ċertifikati jinħarġu biss lil dawk l-operaturi mniżżla f'reġistru miżmum mill-awtoritajiet kompetenti.

   Iċ-ċertifikati mhumiex trasferibbli.

2. Biex ikun garantit l-eżerċizzju sħiħ tad-drittijiet tal-operaturi li jieħdu sehem fl-arranġamenti speċifiċi ta' provvista, il-Kummissjoni għandha tiddetermina permezz ta' att iddelegat il-kundizzjonijiet għar-reġistrazzjoni tal-operaturi fir-reġistru u, jekk ikun meħtieġ, timponi l-għoti ta' garanzija għall-ħruġ taċ-ċertifikati.

3. Il-Kummissjoni għandha tadotta permezz ta' att eżekuttiv il-miżuri kollha meħtieġa sabiex tassigura l-applikazzjoni uniformi mill-Istati Membri ta' dan l-Artikolu rigward b'mod partikolari l-implimentazzjoni tal-iskema taċ-ċertifikati, għajr għall-għoti ta' garanzija għaċ-ċertifikati, u l-impenji tal-operaturi meta jirreġistraw.

Artikolu 12

Riperkussjonijiet tal-benefiċċju

1. Il-benefiċċju tal-arranġamenti speċifiċi ta' provvista li jirriżulta mill-eżenzjoni tad-dazji fuq l-importazzjoni jew mill-għajnuna għandu jkun soġġett għal riperkussjoni effettiva tal-vantaġġ ekonomiku sal-utent finali li, skont il-każ, jista' jkun il-konsumatur fil-każ tal-prodotti maħsuba għall-konsum dirett, min jipproċessa jew jippakkja l-aħħar fil-każ tal-prodotti maħsuba għall-industrija tal-ipproċessar jew tal-ippakkjar, jew il-bidwi fil-każ tal-prodotti użati għall-għalf tal-annimali jew bħala addizzjonijiet agrikoli.

2. Sabiex tkun assigurata l-applikazzjoni uniformi ta' (1), il-Kummissjoni għandha tadotta permezz ta' att eżekuttiv id-dettalji prattiċi għall-applikazzjoni tiegħu u b'mod partikolari l-kundizzjonijiet għall-kontroll mill-Istati Membri tar-riperkussjoni effettiva tal-vantaġġ sal-utent aħħari.

Artikolu 13

Esportazzjoni lejn pajjiżi terzi u spedizzjoni lejn il-bqija tal-Unjoni

1. Il-prodotti koperti mill-arranġamenti speċifiċi ta' provvista jistgħu jkunu esportati lejn pajjiżi terzi jew mibgħuta lejn il-bqija tal-Unjoni biss f'kundizzjonijiet uniformi,

stabbiliti mill-Kummissjoni permezz ta' att eżekuttiv, li jinkludu l-ħlasijiet tad-dazji fuq l-importazzjoni, jew ir-refużjoni tal-għajnuna mogħtija, imsemmija fl-Artikolu 9.

L-esportazzjoni lejn il-pajjiżi terzi tal-prodotti koperti mill-arranġamenti speċifiċi ta' provvista mhijiex soġġetta għall-preżentazzjoni ta' ċertifikat.

L-ewwel paragrafu ma japplikax għall-flussi ta' kummerċ bejn id-dipartimenti Franċiżi extra-Ewropej (DOM).

2. L-ewwel subparagrafu tal-ewwel paragrafu ma japplikax għall-prodotti pproċessati fir-reġjuni l-aktar imbiegħda minn prodotti li jkunu bbenefikaw minn arranġamenti speċifiċi ta' provvista li huma:

   a) esportati lejn pajjiżi terzi jew mibgħuta lejn il-bqija tal-Unjoni fil-limiti tal-kwantitajiet li jikkorrispondu għall-esportazzjonijiet tradizzjonali u għall-ispedizzjoni tradizzjonali. Dawn il-kwantitajiet għandhom ikunu stabbiliti mill-Kummissjoni permezz ta' att eżekuttiv abbażi tal-medja tal-ispedizzjonijiet jew tal-esportazzjonijiet matul is-snin 1989, 1990 u 1991;

   b) esportati lejn pajjiżi terzi bħala parti mill-flussi reġjonali ta' kummerċ b'konformità mad-destinazzjonijiet u l-kundizzjonijiet speċifikati mill-Kummissjoni permezz ta' att eżekuttiv;

   c) mibgħuta mill-Azores lejn il-Madeira jew viċe-versa;

   d) mibgħuta mill-Madeira lill-Gżejjer Kanarji jew viċe-versa;

   e) mibgħuta bejn id-DOM.

   Ma għandux jingħata rimbors għall-prodotti esportati msemmija fl-ewwel subparagrafu, punti a) u b).

   L-esportazzjoni lejn il-pajjiżi terzi tal-prodotti msemmija fl-ewwel subparagrafu, punti a) u b), mhijiex soġġetta għall-preżentazzjoni ta' ċertifikat.

3. Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, b'"kummerċ reġjonali" wieħed għandu jifhem, il-kummerċ li jsir, għal kull DOM, għall-Azores u l-Madeira u għall-Gżejjer Kanarji, lejn pajjiżi terzi determinati mill-Kummissjoni permezz ta' att eżekuttiv.

4. Il-prodotti kkunsinjati fid-DOM, fl-Azores, fil-Madeira jew fil-Gżejjer Kanarji li jkunu koperti minn arranġamenti speċifiċi ta' provvista u li jservu għall-provvista ta' bastimenti u ajruplani huma kkunsidrati bħala kkonsmati lokalment.

5. B'deroga minn (2), l-ewwel subparagrafu, il-punt (a), il-kwantitajiet massimi li ġejjin ta' zokkor (kodiċi NM 1701) jistgħu jintbagħtu kull sena mill-Azores lejn il-bqija tal-Unjoni matul perjodu ta' ħames snin:

   – fl-2011: 3 000 tunnellata,

   – fl-2012: 2 500 tunnellata,

   – fl-2013: 2 000 tunnellata,

– fl-2014: 1 500 tunnellata,

– fl-2015: 1 000 tunnellata.

6. Sabiex tintlaħaq il-mira tal-benefiċċju li jirriżulta mill-applikazzjoni tal-arranġamenti speċifiċi ta' provvista fil-kummerċ reġjonali u tradizzjonali, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi permezz ta' att iddelegat il-kundizzjonijiet li għandhom jiġu ssodisfati mill-operazzjonijiet ta' pproċessar li jistgħu jwasslu għal esportazzjoni tradizzjonali jew ta' kummerċ reġjonali.

Artikolu 14

Zokkor

1. Matul il-perjodu msemmi fl-Artikolu 204 (2) u (3), tar-Regolament (KE) nru 1234/2007, il-produzzjoni barra l-kwota msemmija fl-Artikolu 61 tal-istess Regolament hija eżentata mid-dazji ta' importazzjoni, fil-limiti tal-previżjonital-bilanċ tal-provvista msemmija fl-Artikolu 8 ta' dan ir-Regolament:

   a) għaz-zokkor introdott biex ikun ikkonsmat fil-Madeira u fil-Gżejjer Kanarji fil-forma ta' zokkor abjad li jaqa' taħt il-kodiċi NM 1701;

   b) għaz-zokkor raffinat u kkonsmat fl-Azores fil-forma ta' zokkor mhux ipproċessat li jaqa' taħt il-kodiċi NM 1701 12 10 (zokkor mhux maħdum tal-pitravi).

2. Fl-Azores, għall-finijiet tal-ipproċessar, il-kwantitajiet imsemmija f'(1) jistgħu jkunu supplimentati, fil-limiti tal-previżjoni tal-bilanċ tal-provvista, permezz ta' zokkor mhux ipproċessat li jaqa' taħt il-kodiċi 1701 11 10 (zokkor mhux maħdum tal-kannamieli).

   Meta jiġu determinati l-ħtiġijiet ta' zokkor mhux ipproċessat fl-Azores għandu jiġi kkunsidrat l-iżvilupp tal-produzzjoni lokali tal-pitravi taz-zokkor. Il-kwantitajiet koperti mill-arranġamenti ta' provvista għandhom ikunu determinati sabiex jiġi żgurat li t-total tal-volum taz-zokkor ipproċessat fl-Azores ma jaqbiżx l-10 000 tunnellata kull sena.

Artikolu 15

Trab tal-ħalib xkumat

B'deroga mill-Artikolu 8, il-Gżejjer Kanarji jistgħu jibqgħu jirċievu provvisti ta' trab tal-ħalib xkumat li jaqa' taħt il-kodiċi NM 1901 90 99 (trab tal-ħalib xkumat li fih xaħmijiet veġetali) maħsuba għall-ipproċessar industrijali sa 800 tunnellata kull sena. L-għajnuna mogħtija mill-Unjoni għall-provvista ta' dan il-prodott ma tistax taqbeż il-EUR 210 għal kull tunnellata u għandha tkun inkluża fil-limitu stabbilit fl-Artikolu 29. Dan il-prodott għandu jintuża biss għall-konsum lokali.

Artikolu 16

Importazzjoni ta' ross f'Réunion

Ma għandhomx jitħallsu dazji fid-dipartiment extra-Ewropew Franċiż ta' Réunion fuq prodotti li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 1006 10, 1006 20 u 1006 40 00 importati għall-konsum hemm.

Artikolu 17

Kontrolli u sanzjonijiet

1. Il-prodotti koperti mill-arranġamenti speċifiċi ta' provvista għandhom ikunu soġġetti għal kontrolli amministrattivi meta jiġu importati jew introdotti fir-reġjuni l-aktar imbiegħda kif ukoll meta jiġu esportati jew mibgħuta minn dawn.

   Biex tkun żgurata applikazzjoni uniformi ta' din id-dispożizzjoni, il-Kummissjoni għandha tadotta permezz ta' att eżekuttiv il-karatteristiċi minimi tal-kontrolli li l-Istati Membri għandhom japplikaw.

2. F'każ ta' nuqqas ta' konformità mill-operatur, għajr f'każ ta' forza maġġuri jew ta' inċident klimatiku straordinarju, mal-impenji meħuda fl-applikazzjoni tal-Artikolu 11, il-benefiċċju mogħti lid-detentur taċ-ċertifikat għandu jiġi rkuprat u r-reġistrazzjoni għandha tiġi sospiża skont is-serjetà tal-ksur.

   Sabiex tiġi żgurata l-konformità tal-operaturi li jkollhom sehem fl-arranġamenti mal-obbligi tagħhom, il-Kummissjoni għandha tiddetermina permezz ta' att iddelegat, il-kundizzjonijiet meħtieġa għall-applikazzjoni tal-ewwel subparagrafu u t-trattament tat-talbiet ġodda għal ċertifikati mill-operatur.

KAPITOLU IV

MIŻURI FAVUR IL-PRODOTTI AGRIKOLI LOKALI

Artikolu 18

Miżuri

1. Il-programmi POSEI għandhom jinkludu miżuri speċifiċi favur il-prodotti agrikoli lokali skont it-termini tat-Titolu III tat-Tielet Parti tat-Trattat, meħtieġa għall-assigurazzjoni tal-kontinwità u l-iżvilupp tal-prodotti agrikoli lokali f'kull reġjun imbiegħed.

2. Il-parti tal-programm iddedikata għall-miżuri favur il-prodotti agrikoli lokali għandha tinkludi mill-inqas l-elementi li ġejjin:

a) deskrizzjoni kwantifikata tas-sitwazzjoni attwali tal-produzzjoni agrikola li tqis ir-riżultati tal-evalwazzjonijiet disponibbli, li turi d-differenzi, in-nuqqasijiet u l-potenzjal għall-iżvilupp, ir-riżorsi finanzjarji użati u r-riżultati ewlenin ta' operazzjonijiet magħmula qabel;

b) deskrizzjoni tal-istrateġija proposta, il-prijoritajiet magħżula u l-għanijiet ġenerali u operattivi kwantifikati, u valutazzjoni li turi l-impatt ekonomiku, ambjentali u soċjali mistenni, inklużi l-effetti fuq l-impjiegi;

c) deskrizzjoni tal-miżuri previsti, u b'mod partikolari l-iskemi ta' għajnuna għall-implimentazzjoni tagħhom, u, fejn ikun meħtieġ, tagħrif dwar il-ħtiġijiet għal xi studji, proġetti dimostrattivi, taħriġ jew operazzjonijiet ta' assistenza teknika marbuta mat-tħejjija, l-implimentazzjoni jew l-adozzjoni tal-miżuri kkonċernati;

d) il-lista tal-għajnuniet li jikkostitwixxu ħlasijiet diretti fis-sens tal-Artikolu 2(d) tar-Regolament (KE) nru 73/2009;

e) il-kundizzjonijiet tal-għoti tal-għajnuna, il-prodotti u l-volumi kkonċernati;

f) l-ammont ta' għajnuna stabbilit għal kull miżura jew azzjoni bl-għan li jintlaħaq għan wieħed jew aktar tal-programm.

3. Il-Kummissjoni għandha tadotta permezz ta' att eżekuttiv il-kundizzjonijiet uniformi tal-ħlasijiet tal-għajnuniet imsemmija fi(2).

4. Il-programm jista' jinkludi miżuri ta' appoġġ għall-produzzjoni, l-ipproċessar jew it-tqegħid fis-suq tal-prodotti agrikoli tar-reġjun l-aktar imbiegħda.

Kull miżura tista' tinqasam f'azzjonijiet. Għal kull azzjoni l-programm għandu jiddefinixxi mill-inqas l-elementi li ġejjin:

a) il-benefiċjarji;

b) il-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà;

c) l-għajnuna individwali;

d) il-limitu massimu.

Biex jingħata appoġġ lill-bejgħ tal-prodotti barra mir-reġjun ta' produzzjoni tagħhom, il-Kummissjoni għandha tadotta permezz ta' att iddelegat il-kundizzjonijiet għall-istabbiliment tal-ammont tal-għajnuna mogħtija skont it-tqegħid fis-suq u, jekk ikun il-każ, il-kwantitajiet massimi li jistgħu jaqgħu taħt din l-għajnuna.

Artikolu 19

Kontrolli u ħlas mhux dovut

1. Il-kontrolli tal-miżuri msemmija f'dan il-Kapitolu għandhom isiru permezz ta' kontrolli amministrattivi u kontrolli fuq il-post.

2. F'każ ta' ħlas mhux dovut, il-benefiċjarju kkonċernat għandu l-obbligu li jħallas lura l-ammonti inkwistjoni. L-Artikolu 80 tar-Regolament tal-Kummissjoni[10] (KE) nru 1122/2009 għandu japplika *mutatis mutandis*.

KAPITOLU V

MIŻURI TA' AKKUMPANJAMENT

Artikolu 20

Simbolu grafiku

1. Għandu jiġi introdott simbolu grafiku bil-għan li jikbru l-għarfien u l-konsum ta' prodotti agrikoli ta' kwalità, kemm naturali kif ukoll ipproċessati, speċifiċi għar-reġjuni l-aktar imbiegħda.

2. Il-kundizzjonijiet għall-użu tas-simbolu grafiku previst fil-paragrafu 1 għandu jkun propost mill-organizzazzjonijiet tal-kummerċ ikkonċernati. L-awtoritajiet nazzjonali għandhom iressqu tali proposti, bl-opinjoni tagħhom, lill-Kummissjoni.

   L-użu tas-simbolu għandu jkun sorveljat minn awtorità uffiċjali jew minn korp approvat mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti.

3. Sabiex jikber l-għarfien dwar il-prodotti agrikoli ta' kwalità tar-reġjuni l-aktar imbiegħda u jikber il-konsum tagħhom, kemm tal-prodotti naturali kif ukoll ipproċessati, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi permezz ta' att iddelegat il-kundizzjonijiet sabiex jiġi eżerċitat id-dritt tal-użu tas-simbolu grafiku kif ukoll il-kundizzjonijiet għall-ikkuppjar u l-użu tiegħu.

4. Sabiex tkun żgurata l-applikazzjoni uniformi ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha tadotta, permezz ta' att eżekuttiv, id-dettalji prattiċi ta' implimentazzjoni tas-simbolu grafiku kif ukoll il-karatteristiċi minimi tal-kontrolli u ta' monitoraġġ, li għandhom japplikaw l-Istati Membri.

Artikolu 21

Żvilupp rurali

1. Minkejja l-Artikolu 39(4), tar-Regolament (KE) nru 1698/2005, l-ammonti annwali massimi eliġibbli fl-ambitu tal-għajnuna tal-Unjoni previsti fl-Anness I tal-imsemmi Regolament jistgħu jiżdiedu sad-doppju f'dak li jirrigwarda l-miżura ta' protezzjoni tal-lagi fl-Azores u l-miżura għall-preżervazzjoni tal-pajżaġġ u tal-karatteristiċi tradizzjonali tal-artijiet agrikoli u l-konservazzjoni tal-ħitan tal-ġebel li jirfdu l-għelieqi mtarrġa fil-Madeira.

---

[10] ĠU L 316, 2.12.2009, p. 65.

2. Deskrizzjoni tal-miżuri ppjanifikati taħt l-ewwel paragrafu ta' dan l-Artikolu għandha tkun inkluża, fejn xieraq, fil-programmi għal dawn ir-reġjuni msemmija fl-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) nru 1698/2005.

Artikolu 22

Għajnuniet mill-Istat

1. Għall-prodotti agrikoli koperti mill-Anness I tat-Trattat, li għalihom japplikaw l-Artikoli 107, 108 u 109 tiegħu, il-Kummissjoni tista' tawtorizza għajnuna operattiva, f'konformità mal-Artikolu 108 tat-Trattat, fis-setturi tal-produzzjoni, tal-ipproċessar u t-tqegħid fis-suq ta' dawn il-prodotti, bl-għan li jittaffew ir-restrizzjonijiet speċifiċi għar-reġjuni l-aktar imbiegħda marbuta mad-distanza, l-insularità u ma' restrizzjonijiet oħrajn marbuta mal-pożizzjoni remota.

2. L-Istati Membri jistgħu jagħtu finanzjament addizzjonali għall-implimentazzjoni tal-programmi POSEI. F'dan il-każ, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar l-għajnuniet mill-Istat u din għandha tapprovahom f'konformità ma' dan ir-Regolament, bħala parti minn dawn il-programmi. Dawn l-għajnuniet notifikati huma kkunsidrati bħala notifikata fit-termini tal-ewwel sentenza tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat.

3. Franza tista' tagħti għajnuna sa EUR 90 miljun għal kull kampanja fis-settur taz-zokkor tar-reġjuni Franċiżi l-aktar imbiegħda.

   Franza għandha tinforma lill-Kummissjoni fi żmien tletin jum minn tmiem kull kampanja ta' tqegħid fis-suq dwar l-ammont tal-għajnuna li fil-fatt tkun tat.

4. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu u b'deroga mill-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 180, tar-Regolament (KE) nru 1234/2007 u tal-Artikolu 3 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) nru 1184/2006[11], l-Artikoli 107, 108 u 109 tat-Trattat ma għandhomx japplikaw għall-ħlasijiet li jkunu saru mill-Istati Membri, skont dan ir-Regolament, b'applikazzjoni tal-Kapitolu IV, tal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu u tal-Artikoli 23 u 27 ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 23

Programmi fitosanitarji

1. Franza u l-Portugall għandhom iressqu quddiem il-Kummissjoni programmi għall-kontroll ta' organiżmi li jagħmlu ħsara lill-pjanti jew lill-prodotti tal-pjanti fid-dipartimenti extra-Ewropej Franċiżi u fl-Azores u fil-Madeira rispettivament. Il-programmi għandhom jispeċifikaw b'mod partikolari l-għanijiet li għandhom jintlaħqu, il-miżuri li għandhom jitwettqu, it-tul ta' żmien u n-nefqa tagħhom. Il-programmi mressqa skont dan l-Artikolu m'għandhomx jikkonċernaw il-ħarsien tal-banana.

[11] ĠU L 214, 4.8.2006, p. 7.

2. L-Unjoni għandha tikkontribwixxi għall-finanzjament tal-programmi previsti fl-ewwel paragrafu fuq il-bażi ta' analiżi teknika tas-sitwazzjonijiet reġjonali.

3. Sabiex timplimenta dawn il-programmi, il-Kummissjoni għandha tiddetermina, permezz ta' att iddelegat, il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni msemmija fil-paragrafu 2, il-miżuri eliġibbli għall-finanzjament mill-Unjoni, kif ukoll l-ammont tal-għajnuna.

Tali kontribuzzjoni tista' tkopri sa 60 % tan-nefqa eliġibbli fid-dipartimenti extra-Ewropej Franċiżi u sa 75 % tan-nefqa eliġibbli fl-Azores u fil-Madeira. Il-ħlas għandu jsir abbażi ta' dokumentazzjoni pprovduta mill-awtoritajiet Franċiżi u Portugiżi. Jekk ikun meħtieġ, jistgħu jiġu organizzati kontrolli minn esperti tal-Kummissjoni li jsiru f'isimha, kif imsemmi fl-Artikolu 21 tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE[12].

Artikolu 24

Inbid

1. Il-miżuri msemmija fl-Artikoli 103(v), 103(w), 103(x) u 182(a) tar-Regolament (KE) nru 1234/2007 ma għandhomx japplikaw la għall-Azores u lanqas għall-Madeira.

2. B'deroga mit-tieni subparagrafu tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 120 (a) tar-Regolament (KE) nru 1234/2007, l-għeneb li jkun ġej mill-varjetajiet tad-dwieli msemmija f'(b) tas-subparagrafu msemmi, maħsuda fir-reġjuni tal-Azores u tal-Madeira, jista' jintuża għall-produzzjoni ta' inbid li għandu jibqa' f'dawk ir-reġjuni.

Il-Portugall għandu jipproċedi għall-eliminazzjoni gradwali tal-għelieqi tad-dwieli msemmija fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 120 a(2)(b) tar-Regolament (KE) nru 1234/2007, bl-appoġġ, fejn xieraq, previst fl-Artikolu 103(q) ta' dak ir-Regolament.

3. Il-miżuri msemmija fl-Artikoli 103 (v), 103 (w) u 103 (y) tar-Regolament (KE) nru 1234/2007 ma għandhomx japplikaw għall-Gżejjer Kanarji.

Artikolu 25

Ħalib

1. Għall-finijiet tat-tqassim ta' dazju għaż-żejjed skont l-Artikolu 79 tar-Regolament (KE) nru 1234/2007, huma biss il-produtturi fis-sens tal-Artikolu 65(c), ta' dak ir-Regolament, stabbiliti u li jipproduċu fl-Azores, li jqiegħdu fis-suq kwantitajiet li jaqbżu l-kwota tagħhom, miżjuda bil-perċentwal imsemmi fit-tielet subparagrafu ta' dan il-paragrafu li se jitqiesu bħala li jkunu kkontribwew għall-produzzjoni żejda.

Id-dazju fuq iż-żejjed għandu jitħallas fuq kwantitajiet li jaqbżu l-kwota miżjuda mill-perċentwal imsemmi fit-tielet subparagrafu, wara allokazzjoni mill-ġdid, fost il-

[12] ĠU L 4, 7.1.2000, p. 11.

produtturi kollha fis-sens tal-Artikolu 65(c), tar-Regolament (KE) nru 1234/2007, stabbiliti u li jipproduċu fl-Azores, u proporzjonalment mal-kwota disponibbli għal kull produttur, tal-kwantitajiet mhux użati fil-marġni li tirriżulta minn din iż-żieda u li baqgħu ma ntużawx.

Il-perċentwal imsemmi fl-ewwel subparagrafu għandu jkun ugwali għall-proporzjon bejn il-kwantitajiet ta' 23 000 tunnellata għas-snin 2005/2006 u t-total tal-kwantitajiet ta' referenza disponibbli fuq kull azjenda fil-31 ta' Marzu 2010. Hu għandu japplika biss għall-kwota disponibbli fuq l-azjenda fil-31 ta' Marzu 2010.

2. Il-kwanitatijiet ta' ħalib jew ekwivalenti tal-ħalib imqiegħda fis-suq li jaqbżu l-kwota, iżda li jaqblu mal-perċentwal imsemmi fit-tielet subparagrafu ta' (1), wara l-allokazzjoni mill-ġdid imsemmija fl-istess paragrafu, m'għandhomx jitqiesu waqt li tiġi stabbilita kwalunkwe produzzjoni akbar mill-kwota mill-Portugall kif ikkalkulata b'konformità mal-Artikolu 66 tar-Regolament (KE) nru 1234/2007.

3. L-iskema ta' dazju fuq iż-żejjed applikabbli għall-produtturi tal-ħalib prevista fir-Regolament (KE) Nru 1234/2007 ma għandhiex tapplika għad-dipartimenti Franċiżi extra-Ewropej jew, fil-limitu tal-produzzjoni lokali ta' 4000 tunnellata ħalib, fil-Madeira.

4. B'deroga mill-Artikolu 114(2) tar-Regolament (KE) nru 1234/2007, il-produzzjoni ta' ħalib UHT magħmul minn trab tal-ħalib li joriġina mill-Unjoni għandha tkun awtorizzata fil-Madeira u fid-dipartiment Franċiż extra-Ewropew ta' Réunion, fil-limiti tal-ħtiġijiet ta' konsum lokali, sakemm din il-miżura tiżgura li l-ħalib prodott lokalment jinġabar u jsib postijiet tal-bejgħ. Dan il-prodott għandu jintuża biss għall-konsum lokali.

Il-mod kif jinkiseb il-ħalib UHT rikostitwit għandu jkun indikat b'mod ċar fuq it-tikketta tal-bejgħ.

Artikolu 26

Trobbija tal-bhejjem

1. Sakemm il-kwantità lokali ta' annimali tal-frat irġiel żgħar tilħaq livell suffiċjenti biex tiżgura l-manutenzjoni u l-iżvilupp tal-produzzjoni lokali tal-laħam taċ-ċanga fid-dipartimenti Franċiżi extra-Ewropej u fil-Madeira, għandha tkun miftuħa l-possibbiltà ta' importazzjoni ta' annimali tal-frat minn pajjiżi terzi, għas-simna u l-konsum fid-dipartimenti Franċiżi extra-Ewropej u fil-Madeira, mingħajr l-applikazzjoni tad-dazji fuq l-importazzjoni tat-tariffa doganali komuni. Il-Kummissjoni għandha tadotta permezz ta' att eżekuttiv il-miżuri meħtieġa għall-applikazzjoni ta' dan is-subparagrafu u b'mod partikolari id-dettalji prattiċi ta' eżenzjoni mid-dazji għall-importazzjoni ta' annimali tal-frat irġiel żgħar fid-dipartimenti Franċiżi extra-Ewropej u fil-Madeira.

L-Artikolu 12 u l-Artikolu 13(1), għandhom japplikaw għall-annimali li jikkwalifikaw għall-eżenzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu.

2. Il-kwantità ta' annimali li jikkwalifikaw għall-eżenzjoni msemmija fl-ewwel paragrafu għandha tkun determinata fil-programmi POSEI, meta l-ħtieġa għall-

importazzjoni tkun iġġustifikata minħabba l-iżvilupp tal-produzzjoni lokali. Dawn l-annimali huma maħsuba primarjament għall-produtturi li jżommu annimali għas-simna li minnhom mill-anqas 50 % huma ta' oriġini lokali.

Sabiex tikkunsidra l-karatteristiċi speċifiċi lokali tas-settur tal-frat u s-settur sussidjarju tiegħu, il-Kummissjoni għandha tiddetermina permezz ta' att iddelegat, il-kundizzjonijiet li għalihom hija soġġetta l-eżenzjoni mid-dazji fuq l-importazzjoni.

3. Fejn japplikaw l-Artikolu 52 u l-Artikolu 53(1), tar-Regolament (KE) nru 73/2009, il-Portugall jista' jnaqqas il-limitu nazzjonali għall-ħlas tad-drittijiet ta' laħam tan-nagħaġ u tal-mogħoż u tas-sussidju ta' baqar li jreddgħu. F'tali każ, permezz ta' att eżekuttiv mill-Kummissjoni, l-ammont korrispondenti għandu jkun trasferit mil-limiti stabbiliti taħt l-Artikolu 52 u l-Artikolu 53 (1) tar-Regolament (KE) nru 73/2009 għar-riżorsi finanzjarji msemmija fit-tieni inċiż tal-Artikolu 29 (2) ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 27

Għajnuna statali għall-produzzjoni tat-tabakk

Spanja hija awtorizzata tagħti għajnuna għall-produzzjoni tat-tabakk fil-Gżejjer Kanarji. L-għoti ta' din l-għajnuna m'għandux iwassal għal diskriminazzjoni bejn il-produtturi fil-gżejjer.

L-ammont ta' għajnuna ma jistax jaqbeż is-somma ta' EUR 2 980,62 għal kull tunnellata. L-għajnuna addizzjonali għandha titħallas għal massimu ta' 10 tunnellati kull sena.

Artikolu 28

Eżenzjoni mid-dazju għat-tabakk

1. L-ebda dazju m'għandu jiġi applikat għal importazzjonijiet diretti fil-Gżejjer Kanarji ta' tabakk mhux maħdum u semimaħdum li jaqa', rispettivament, taħt:

   (a) Kodiċi NM 2401, u

   (b) is-subtitoli li ġejjin:

   – 2401 10 tabakk mhux maħdum mhux imqaxxar,

   – 2401 20 tabakk mhux maħdum, parzjalment imqaxxar jew imqaxxar kollu,

   – ex 2401 20 għata ta' barra għas-sigarri ppreżentati fuq stends, f'rukkelli, maħsuba għall-manifattura tat-tabakk,

   – 2401 30 skart tat-tabakk,

   – ex 2402 10 sigarri mhux kompluti mingħajr kisja,

– ex 2403 10 biċċiet ta' tabakk (taħlit finalizzat ta' tabakk għall-manifattura ta' sigaretti, sigarri, sigarri ħoxnin miftuħin miż-żewġt itruf u sigarri żgħar),

– ex 2403 91 tabakk omoġenizzat jew rikostitwit, kemm jekk imqiegħed f'forma ta' folja jew fi strixxi,

– ex 2403 99 tabakk imwessa'.

L-eżenzjoni prevista fl-ewwel subparagrafu għandha tingħata għall-għajnuna taċ-ċertifikati msemmija fl-Artikolu 11.

Din l-eżenzjoni għandha tapplika għall-prodotti msemmija fl-ewwel subparagrafu, maħsuba għall-ipproċessar fl-arċipelagu tal-Kanarji fi prodotti manifatturati lesti għat-tipjip, sa limitu annwali ta' importazzjoni ta' 20 000 tunnellata tal-ekwivalenti ta' tabakk mhux maħdum imqaxxar.

2. Il-Kummissjoni għandha tadotta permezz ta' att eżekuttiv il-miżuri meħtieġa għall-applikazzjoni tal-paragrafu 1 u b'mod partikolari id-dettalji prattiċi ta' eżenzjoni mid-dazji fuq l-importazzjoni għall-Gżejjer Kanarji.

KAPITOLU VI

DISPOŻIZZJONIJIET FINANZJARJI

Artikolu 29

Allokazzjoni finanzjarja

1. Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament, ħlief għall-Artikolu 21, huma intervent maħsub biex jirregola s-swieq agrikoli fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b), tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005[13].

2. Għal kull eżerċizzju finanzjarju l-Unjoni għandha tiffinanzja l-miżuri previsti fil-Kapitoli III u IV sa massimu annwali ugwali għal dan li ġej:

– Dipartimenti Franċiżi extra-Ewropej: EUR 278,41 miljun,

– Azores u Madeira: EUR 106,21 miljun,

– Gżejjer Kanarji: EUR 268,42 miljun.

3. L-ammonti allokati annwalment għal kull sena finanzjarja għall-finanzjament tal-miżuri previsti fil-Kapitolu III ma jistgħux ikunu akbar mill-ammonti li ġejjin:

– Dipartimenti Franċiżi extra-Ewropej: EUR 24,8 miljun,

[13] ĠU L 209, 11.8.2005, p. 1.

– Azores u Madeira: EUR 21,2 miljun,

– Gżejjer Kanarji: EUR 72,7 miljun.

Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi permezz ta' att eżekuttiv il-kundizzjonijiet uniformi li permezz tagħhom l-Istati Membri jistgħu jibdlu l-allokazzjoni tar-riżorsi allokati kull sena għad-diversi prodotti koperti mill-arranġamenti speċifiċi ta' provvista.

4. Sabiex tkun żgurata allokazzjoni raġonevoli u proporzjonata għall-miżuri ta' finanzjament tal-istudji, proġetti dimostrattivi, tat-taħriġ u tal-miżuri ta' għajnuna teknika, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi permezz ta' att iddelegat ammont massimu annwali li jista' jiġi allokat għal dawn il-miżuri.

KAPITOLU VII

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI U FINALI

Artikolu 30

Miżuri nazzjonali

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jiżguraw konformità ma' dan ir-Regolament, b'mod partikolari fir-rigward ta' kontrolli u sanzjonijiet amministrattivi, u għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni b'dan.

Artikolu 31

Komunikazzjonijiet u rapporti

1. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard mill-15 ta' Frar ta' kull sena dwar il-krediti li jkunu saru disponibbli għalihom li jkunu bi ħsiebhom jonfqu matul is-sena ta' wara għall-implimentazzjoni tal-bilanċ provviżorju tal-provvista u dwar kull miżura favur il-produzzjoni agrikola lokali inkluża fil-programmi POSEI.

2. L-Istati Membri għandhom iressqu quddiem il-Kummissjoni, sa mhux aktar tard mill-31 ta' Lulju kull sena, rapport dwar l-implimentazzjoni fis-sena preċedenti tal-miżuri previsti f'dan ir-Regolament.

3. Sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2015, u wara kull ħames snin, il-Kummissjoni għandha tissottometti rapport ġenerali lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li juri l-impatt tal-azzjonijiet meħuda taħt dan ir-Regolament, inkluż fis-settur tal-banana, flimkien ma' proposti xierqa, fejn applikabbli.

Artikolu 32

Setgħat tal-Kummissjoni

Meta jingħataw setgħat lill-Kummissjoni, din għandha taġixxi b'mod konformi mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 33, fil-każ ta' atti ddelegati, u b'mod konformi mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 34, fil-każ ta' atti ta' implimentazzjoni.

Artikolu 33

Atti ddelegati

1. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti ddelegati msemmija f'dan ir-Regolament għal perjodu mhux determinat.

   Hekk kif il-Kummissjoni tadotta att iddelegat, din għandha tinnotifika lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar dan fl-istess waqt.

2. Id-delegazzjoni tas-setgħa msemmija f'(1) tista' tkun revokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.

   L-istituzzjoni li tkun bdiet proċess intern sabiex tiddeċiedi jekk għandhiex tirrevoka d-delegazzjoni tas-setgħa għandha tinforma lil-leġiżlatur l-ieħor u lill-Kummissjoni, sa mhux aktar tard minn xahar qabel ma tieħu d-deċiżjoni finali, filwaqt li tindika s-setgħat iddelegati li jistgħu jiġu revokati kif ukoll kwalunkwe raġuni għal dan.

   Id-deċiżjoni ta' revoka ttemm id-delegazzjoni tas-setgħat speċifikati f'din id-Deċiżjoni. Din tidħol fis-seħħ immedjatament jew f'data ulterjuri speċifikata. Din m'għandhiex taffettwa l-validità tal-atti ddelegati diġà fis-seħħ. Għandha tkun ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

3. Il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jistgħu jqajmu oġġezzjonijiet fir-rigward tal-att iddelegat fi żmien xahrejn mid-data ta' notifika. Fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill, din l-iskadenza għandha tittawwal b'xahar.

   Jekk, wara li tintemm din l-iskadenza la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma jkunu ressqu oġġezzjoni fir-rigward ta' dan l-att iddelegat, jew jekk, qabel din id-data, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu infurmaw lill-Kummissjoni li ma jkunux sejrin iqajmu oġġezzjonijiet, l-att delegat jidħol fis-seħħ fid-data prevista fid-dispożizzjonijiet tiegħu.

   Jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill iqajmu oġġezzjonijiet fir-rigward tal-att iddelegat, dan ma jidħolx fis-seħħ. L-istituzzjoni li tqajjem l-oġġezzjonijiet kontra l-att iddelegat għandha tispjega r-raġunijiet.

Artikolu 34

Atti ta' implimentazzjoni – Kumitat

[Dawn għandhom jkunu kkompletati wara l-adozzjoni tar-regolament dwar il-modalitajiet ta' kontroll hekk kif imniżżla fl-Artikolu 291(2) tat-TFUE, li qed jiġu diskussi mill-PE u mill-Kunsill]

Artikolu 35

Revoka

Ir-Regolament (KE) nru 247/2006 huwa b'dan revokat.

Ir-referenzi għar-Regolament revokat għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw b'konformità mat-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness.

Artikolu 36

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-[…] jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

[Dan għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2012.]

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi […],

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*

ANNESS

TABELLA TA' KORRELAZZJONI

Regolament (KE) nru 247/2006	Dan ir-Regolament
Artikolu 1	Artikolu 1
Artikolu 2	Artikolu 8
Artikolu 3(1) u (2)	Artikolu 9(1) u (2)
	Artikolu 9(3)
	Artikolu 9(4)
Artikolu 3(3)	Artikolu 10
Artikolu 3(4)	Artikolu 12
Artikolu 4(1) u (2)	Artikolu 13(1) u (2)
	Artikolu 13(3)
	Artikolu 13(4)
Artikolu 4(3)	Artikolu 13(5)
Artikolu 5	Artikolu 14
Artikolu 6	Artikolu 15
Artikolu 7	Artikolu 16
Artikolu 8, l-aħħar sentenza	Artikolu 11
Artikolu 9(1) u Artikolu 10	Artikolu 18(1)
Artikolu 9(2) u (3)	Artikolu 3
Artikolu 11	Artikolu 4
Artikolu 12(a) (b) u (c)	Artikolu 18(2)(a)(b) u (c)
Artikolu 12(d) (e) (f) u (g)	Artikolu 5
Artikolu 13	Artikolu 7
Artikolu 14	Artikolu 20
Artikolu 15	Artikolu 21
Artikolu 16	Artikolu 22
Artikolu 17	Artikolu 23
Artikolu 18	Artikolu 24
Artikolu 19	Artikolu 25
Artikolu 20	Artikolu 26
Artikolu 21	Artikolu 27
Artikolu 22	Artikolu 28
Artikolu 23	Artikolu 29

Artikolu 24	Artikolu 6
Artikolu 27	Artikolu 30
Artikolu 28	Artikolu 31
Artikolu 29	Artikolu 35
Artikolu 33	Artikolu 36